# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 9 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 20**

**Rikors maħluf numru 542/2009/3 GM**

**Paolino *sive* Lino*,* Mario u Anthony ilkoll aħwa Tonna; u, wara l-mewt ta' Mario Tonna, il-kawża b'dikriet tad-9 ta' Marzu 2019 tkompliet f'isem l-armla tiegħu Lucienne Tonna u wliedu Dionne Tonna Trifiro u Kristil Lund Tonna minflok l-istess Mario Tonna**

***v*.**

**Carmen Cacciattolo**

1. Dan huwa appell tal-konvenuta minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Settembru 2022 illi laqgħet talba tal-atturi u ikkundannat lill-konvenuta appellanti sabiex trodd lill-wirt il-bilanċ tal-amministrazzjoni ta' beni tal-awturi tal-partijiet u trodd ħwejjeġ fil-pussess tagħha jew li trid tagħti kont tagħhom. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. il-partijiet oriġinali (qabel miet Mario Tonna, li llum jidhru floku l-armla u wliedu) huma lkoll aħwa, ulied Ġenoveffa Tonna, li mietet fid-9 ta' Marzu 1999. Kellhom ukoll oħthom – li kien jisimha Silvia Tonna – li mietet fil-11 ta' Jannar 2000.

3. Omm il-partijiet kienet irregolat il-wirt tagħha b'testment tal-1 ta' Ottubru 1985 fl-atti tan-Nutar Joseph Cachia fejn ħalliet bi prelegat il-mobbli kollha mill-għatba 'l ġewwa u l-użufrutt tal-fond fejn kienet toqgħod hi flimkien ma' bintha Silvia Tonna lill-istess bintha, inklużi fl-użufrutt l-oġġetti tad-deheb, fidda u ħaġar prezzjuż u flus kontanti. Kienet ukoll ħatret bħala werrieta universali tagħha lill-ħames uliedha u ċioè il-partijiet kollha f'din il-kawża flimkien ma' oħthom Silvia Tonna f'ishma ndaqs bejniethom.

4. Silvia Tonna mietet intestata.

5. Fl-aħħar snin ta' ħajjithom l-omm u bintha Silvia kienu jħallu f'idejn il-konvenuta għal ħafna affarijiet peress li din kienet tkun dejjem id-dar tagħhom, tamministra l-flus u tagħmel kollox hi. Kienu wkoll ħatruha prokuratriċi tagħhom u amministrattriċi tal-affarijiet kollha.

6. Wara li mietet l-omm, il-konvenuta kienet ukoll marret tgħix ma' oħtha Silvia sabiex tieħu ħsiebha billi ma kinitx ta' weħidha.

7. Ġara li xi żmien wara li ġiet nieqsa oħthom Silvia Tonna, l-atturi sabu d-dar fejn kienu joqgħodu ommhom u oħthom matul ħajjithom kważi vojta. Intebħu li kien hemm numru sostanzjali ta' affarijiet li kienu neqsin minn dan il-fond, fosthom dehebijiet, ħaġar prezzjuż, flus kontanti, dokumenti,

għamara, u *appliances* li kienu jinsabu fil-fond meta ommhom u oħthom Silvia kienu għadhom ħajjin.

8. Peress li l-konvenuta kienet prokuratriċi ta' ommhom u ta' oħthom meta dawn kienu għadhom ħajjin u peress ukoll illi baqgħet fil-pussess tal-assi ereditarji ta' ommhom u ta' oħthom Silvia wara l-mewt ta' din fil-11 ta' Jannar tal-2000, l-atturi talbuha sabiex tagħtihom rendikont ta' dawn l-assi ereditarji.

9. Il-konvenuta baqgħet ma tathomx dan ir-rendikont u kien għalhekk illi l-atturi fetħu l-kawża tallum u talbu lill-qorti sabiex:

> »1. taċċerta l-konsistenza tal-assi ereditarji ta' … Genoveffa Tonna u Silvia Tonna;
>
> »2. tikkundanna lill-intimata sabiex fi żmien qasir u perentorju tagħti rendikont tal-assi ereditarji minnha amministrati bħala prokuratriċi u bir-riserva li dan jiġi impunjat;
>
> »3. fin-nuqqas tal-intimata illi l-esponenti ikunu awtorizzati li jippreżentaw huma rendikont minnhom konfermat bil-ġurament li jagħmel stat bejn il-partijiet;
>
> »4. tikkundanna lill-intimata trodd lura lill-eredità l-oġġetti fil-pussess tagħha jew dawk illi għandha tagħti kont għalihom.«

10. Il-konvenuta wieġbet hekk għar-rikors tal-atturi:

> »1. … … … il-pretensjoni [tal-atturi] tirrigwarda dak li jippretendu li għamlet l-esponenti bħala prokuratriċi tagħhom in kwantu għas-sehem ereditarju tagħhom fil-wirt ta' ommhom Genoveffa Tonna u fil-wirt ta' oħthom Silvia Tonna;
>
> »2. l-esponenti qatt ma kienet il-prokuratriċi ta' ħutha l-atturi a rigward ta' dan l-assi ereditarju ta' ommhom Ġenoveffa Tonna *née* Camion u ta' oħthom Silvia Tonna …;
>
> »3. tant ma kienetx prokuratriċi tagħhom dwar l-istess assi li b'ittra uffiċjali tal-24 ta' Lulju 2002 l-esponenti kienet interpellat lill-atturi bħala ko-eredi biex iħallsuha għas-serviġi minnha reżi lil Silvia Tonna fil-marda serja tagħha kif ukoll biex jaddivjenu għall-qsim tal-għamara u oġġetti oħra tal-istess Silvia Tonna li kienu jinsabu fil-kustodja tal-attur Mario Tonna;
>
> »4. l-imsemmija ittra uffiċjali ġiet segwita b'ittra uffiċjali oħra tad-20 ta' Novembru 2004 fejn l-esponenti irrespinġiet l-allegazzjonijiet tal-atturi magħmula fl-ittra uffiċjali tagħhom tal-22 ta' Novembru 2004

u fejn reġgħat interpellat lil Mario Tonna jersaq għal likwidazzjoni u diviżjoni tal-għamara ta' oħthom li kienet fil-pussess tiegħu skond lista … annessa mal-istess ittra uffiċjali;

»5. dawn l-ittri uffiċjali kollha kif ukoll oħrajn sussegwenti juru li, apparti l-kreditu tal-esponenti għall-ħlas ta' serviġi, il-kwistjonijiet l-oħra li kien hemm bejn il-kontendenti kienu kwistjonijiet li jeżistu bejn ko-eredi u mhux kwistjonijiet bejn prokuratriċi u il-mandanti tagħha, *cioè* l-atturi;

»6. l-attriċi kienet ukoll bagħtet ittra uffiċjali fil-19 ta' Novembru 2002 lill atturi odjerni biex dawna bħala eredi ta' oħthom Silvia Tonna iħallsuha kull wieħed minnhom is-somma ta' Lm 107.06 sehmu mis-somma ta' Lm 428.24,2 li hija kellha tirrifondi lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali mħallsa żejda lill-istess Silvia. L-attur odjern Paolino Tonna ħallas sehmu minn din is-somma ċioè Lm 107.06 u qatt ma avanza il-pretenzjoni li l-esponenti kienet qiegħda tamministra bħala prokuratriċi tiegħu l-assi ta' Silvia Tonna u talabha rendikont ta' dik l-amministrazzjoni. Għalhekk it-talbiet tal-atturi biex jiġu aċċertati l-imsemmija assi ereditarji ta' ommhom u ta' oħthom u sabiex l-esponenti tiġi konsegwentement ikkundannata biex tagħti rendikont tal-amministrazzjoni tagħha tal-imsemmija assi għandhom jiġu riġettati bl-ispejjeż kontra tagħhom billi l-esponenti qatt ma kienet ġiet inkarigata mill-atturi li tagħmel din l-amministrazzjoni;

»7. jista' jiżdied li l-esponenti kienet imbagħad intavolat kawża kontra l-atturi preżenti (avviż nru 21/03 SM <u>Carmela Cacciatolo armla ta' Charles Cacciatolo *v.* Mario Tonna, Lino Tonna u Anthony Tonna</u>) għall-ħlas tal-imsemmija serviġi u kif jidher mis-sentenza mogħtija fis-17 ta' April 2009 mill-Qorti tal-Appell, Sedi Inferjuri, l-atturi odjerni ġew ikkundannati biex iħallsu lill-esponenti s-somma ta' sebat elef tmin mija wieħed u disgħin ewro tnejn u disgħin ċenteżmi (€7,891.92) bl-ispejjeż kollha ta' dik il-kawża. Kien biss wara din is-sentenza kontra tagħhom u wara dawn is-snin kollha li l-atturi għamlu l-kawża preżenti.«

11. L-ewwel qorti b'sentenza tal-14 ta' Marzu 2019 iddeċidiet hekk:

»… … … f'dan l-istadju l-qorti qiegħdha tiddisponi mill-kawża *in parte* billi:

»(1) tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta;

»(2) tilqa' t-tieni talba u tordna lill-konvenuta tagħti kont maħluf tal-assi minnha amministrati ta' Genoveffa Tonna u Silvia Tonna u tippreżentah b'nota fir-reġistru fi żmien erbgħin jum bil-*visto* tal-atturi, b'riżerva tad-dritt tagħhom li jimpunjawh.

»Tirriżerva li tipprovdi dwar it-talbiet l-oħrajn.

»Spejjeż riżervati għall-ġudizzju finali

»… … …«

12. Il-konvenuta appellat iżda din il-qorti, b'sentenza tat-28 ta' April 2021, ċaħdet l-appell, ikkonfermat is-sentenza appellata b'dan illi t-terminu ta' erbgħin jum kellu jibda għaddej minn dakinhar, u bagħtet l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex jitkompla s-smigħ tal-kawża.

13. Imbagħad bis-sentenza tad-29 ta' Settembru 2022 li minnha sar dan l-appell, l-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

> »1. tiċħad it-tielet talba għaliex ikun inutli tilqagħha;
>
> »2. tilqa' l-ewwel u r-raba' talba fis-sens li tillikwida l-assi netti ta' Genoveffa Tonna fis-somma ta' €5,000 u ta' Silvia Tonna fis-somma ta' €35,000 u tordna lill-konvenuta trodd lura din is-somma fl-ereditajiet rispettivi tagħhom.
>
> »Spejjeż a kariku tal-konvenuta «

14. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk:

> »Il-kontendenti huma lkoll aħwa, ulied Genoveffa Tonna, li ġiet nieqsa fid-9 ta' Marzu 1999 u rregolat l-wirt u s-suċċessjoni tagħha permezz ta' testment tal-1 ta' Ottubru 1985 fl-atti tan-Nutar Joseph Cachia u ħalliet bi prelegat ilmobbli kollha mill-għatba 'l ġewwa u l-użufrutt tal-fond … fejn kienet tirrisjedi hi (flimkien ma' bintha xebba Silvia Tonna), lill-istess bintha, inklużi l-oġġetti tad-deheb, fidda, ħaġar prezzjuż u flus kontanti. Genoveffa Tonna istitwiet bħala eredi universali tagħha lill-ħames uliedha u ċjoè il-kontendenti kollha f'din il-kawża flimkien ma' oħthom Silvia Tonna fi kwoti ndaqs bejniethom.
>
> »Jidher li Silvia kienet dilettanta kbira tal-oġġetti tad-deheb u kienet tħobb tixtri minnu kull okkażjoni li ssib. Kellha deheb tqil u goff li jiswa l-flus u filfatt tal-familja b'ċajta kienu laqqmuha "*Zampa*" tant kemm kellha deheb. Kull ma kienet tixtri kienet turih lil ħutha jew lin-neputijiet u ma kienx hemm ħabi dwar il-kwantità ta' deheb illi kellha. Kellha fost oħrajn *choker* biċ-*charms* tad-deheb li kien jiswa xi elf lira Maltin, ġiżirana twila tad-deheb bis-salib, giżirana ħoxna forma ta' serp, sitt brazzuletti tad-deheb ħoxnin u oħrajn irqaq, ċrieket u msliet kollha tad-deheb u affarijiet oħra. Filfatt l-atturi esebew sett ta' ritratti fejn jidher deheb illi kienu jilbsu ommhom u oħthom (għaliex ommhom ġieli ħadet xi deheb minn ta' Silvia) għal xi okkażjonijiet tal-familja u anke preżentaw lista ġuramentata ta' dehbijiet li kienu jinsabu gewwa d-dar ta' ommhom li dawn jammontaw għal eluf ta' ewro. Kemm l-atturi, kemm in-neputijiet ta' Silvia u kemm il-konvenuta ikkonfermaw illi verament kellha kwantità kbira ta' deheb.
>
> »L-attur Paolino Tonna xehed illi fl-aħħar xhur ta' ħajjitha oħtu Silvia kien jaraha tpoġġi d-deheb ġo *basket* oħxon u kienet taħbih f'postijiet

differenti meta tkun ħierġa għall-isptar. Jixhed ukoll illi Silvia kienet tkellmu fuq kollox u kienet tafdah ħafna u kienet qaltlu li d-deheb jinsab għandha u biex jieħu ħsiebu hu. Fl-aħħar xhur ta' ħajjitha Silvia kienet tiċċajta miegħu illi, jekk ikun il-każ, lesta tbiegħ id-deheb kollu u ġġib lil xi ħadd min jieħu ħsiebha minnflok tqabbad lil ħutha u dan juri illi kien hemm kwantità kbira ta' deheb sabiex setgħet tagħmel dan.

»Il-konvenuta minn dejjem kienet viċin ħafna ta' ommha u ta' oħtha u kienet dejjem ġejja u sejra għandhom. Filfatt meta t-tfal tagħha kienu għadhom żgħar kienu jqattgħu tmiem il-ġimgħa għand in-nanna u z-zija tagħhom. Għalhekk kienet midħla ħafna tal-ħajja kwotidjana tagħhom u bla ma trid anke taf x'kellhom u ma kellhomx ġewwa d-dar, ħaġa normali jekk kienet tqatta' ħafna ħin hemm. Għalhekk kienet xi ħaġa pjuttost naturali illi fl-1997 il-konvenuta ġiet maħtura prokuratriċi ta' ommhom u oħthom bħala amministratriċi tal-affarijiet kollha meta ommhom kellha tnejn u tmenin (82) sena u saħħitha ma baqgħetx bħal qabel u għalhekk ma kenitx għadha tiflaħ tmur il-bank sabiex issarraf iċ-ċekkijiet tal-pensjoni u oħthom kienet marida fis-sodda u b'saqajha t-tnejn amputati. Ħadd mill-atturi ma sab oġġezzjoni li ssir prokura favur il-konvenuta. Skont l-atturi, fl-aħħar snin li kienet ħajja ommhom, kienet tħalli f'idejn il-konvenuta, għax din kienet tkun dejjem id-dar tagħhom, tamministra l-flus u tagħmel kollox hi. Apparti minn dan, il-konvenuta kienet tieħu ħsiebhom, issajrilhom, tnaddaf u tagħmel dak kollu li kien hemm bżonn. Il-konvenuta Cacciattolo kienet tamministra kollox hi peress illi ommhom kienet għajjiet u oħthom ma setgħetx tiċċaqlaq. L-atturi jixhdu li ommhom kienet tgħidilhom li hemm xi flus fil-kexxun u fil-ħwejjeġ u kienet tpoġġihom hemm u li kienet tużahom Carmen biex tużahom f'dak li kien hemm bżonn. Filfatt il-konvenuta tikkonferma illi, meta kienet issarraf iċ-ċekkijiet ta' ommhom u oħthom, kienet titfagħhom fil-kexxun.

«Il-konvenuta dejjem ċaħdet li kellha prokura a favur tagħha mingħand ommha u oħtha Silvia kemm in eżami u kemm in kontro-eżami u inizjalment kienet ċaħdet illi kienet issarraf iċ-ċekkijiet ta' ommha u oħtha iżda mbagħad ammettiet illi verament kienet issarrafhom tali ċekkijiet.

»Fis-16 ta' Ottubru 2002, il-konvenuta rċiviet korrispondenza mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u dan bħala prokuratriċi ta' oħtha Silvia Tonna fejn ġiet infurmata illi oħtha kien ingħatalha ħlas żejjed ta' Lm428.242 u dan l-ammont kien qed jitnaqqas mill-benefiċċji tal-konvenuta.

»*In vista* ta' din il-korrispondenza, fid-19 ta' Novembru 2002 il-konvenuta bagħtet ittra uffiċjali lil ħutha s-subien (atturi f'din il-kawża) sabiex tavżahom b'tali rifużjoni ta' flus u peress illi "hija ġà prokuratriċi ta' oħtha Salvina *sive* Silvia Tonna tinsab obbligata li tirrifondi" lid-dipartiment imsemmi. L-atturi ppreżentaw ukoll kopja ta' prokura ġenerali magħmula minn Genoveffa Tonna u Silvia Tonna a favur tal-konvenuta Carmen Cacciattolo quddiem in-Nutar Sandro Schembri Adami datata 30 ta' Settembru 1997 u din il-prokura ġiet konservata fl-atti tan-nutar suriferit għal-effetti kollha tal-liġi. Mid-dati indikati jidher illi din il-prokura ġiet magħmula fl-aħħar snin qabel ma ġew neqsin Genoveffa u Silvia Tonna. Apparti minn hekk fil-kawża 21/03, fix-xhieda tagħha tas-7 ta' Marzu 2003, il-konvenuta tgħid illi hi kienet "prokuratura ta' oħti Silvia u kont immur insarrfilha ċ-ċekkijiet tas-*social services*".

»Genoveffa u Silvia ma kinux jemmnu bil-banek u allura kienu jaħbu l-flus kontanti d-dar – fil-basktijiet, fiż-żraben, fil-kowtijiet u taħt il-gwardarobba.

»Genoveffa Tonna kellha pensjoni tar-romol ta' Lm1,875 ekwivalenti għal erbat elef, tliet mija u sittin ewro (€4,360) fis-sena. Kellha għajnuna medika ta' Lm283 fis-sena li jiġu ekwivalenti għal sitt mija u disgħa u ħamsin ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€659.75), u kellha *bonus* ta' Lm104 li jigu ekwivalenti għal mitejn u tnejn u erbgħin ewro u sitta u għoxrin centezmu (€242.26).

»Silvia Tonna kellha pensjoni ta' Lm1,725 annwali li jiġu ekwivalenti għal erbat elef u tmintax il ewro u sbatax-il ċenteżmu (€4,018.17) annwali. Din ibbażata fuq is-sena 1997. Peress illi l-attur Paolino Tonna kien jimlielhom il-karti tal-*income tax* kien jaf xi jdaħħlu fis-sena u kien iħalli kopja ta' dawn id-dokumenti għand ommu u oħtu. Jixhed Paolino Tonna illi darba minnhom daħal l-ilma fil-kamra tas-sodda u għajtulu biex jgħinhom ineħħuh; kien taqqab toqba 'l isfel ħalli jkun jista' joħroġ l-ilma u meta beda jneħħi l-affarijet ta' ġol-kamra waqqfuh għax kien hemm xi flus jew ħaġar li ma ridux juruh bih. Apparti minn hekk ommu kienet turih envelopp ġo kexxun li kellu tmien mitt Lira Maltin ħalli jużawhom għal-funeral tagħha meta tiġi nieqsa.

»Silvia Tonna kienet ilha marida minn età tenera u kienet anke tieħu ħafna mediċina għal dan il-mard. Ommha, Genoveffa, kienet tieħu ħsiebha hi, iżda mbagħad, meta ġiet nieqsa, il-konvenuta marret toqgħod ma' oħtha ġewwa l-appartament … Valletta. Dan għaliex Silvia Tonna sfat b'żewġ saqajn amputati u kienet kważi għamja u għalhekk ma kinitx ta' waħedha u bilfors kien hemm il-bżonn li xi ħadd jieħu ħsiebha. L-atturi xtaqu illi jdaħħluha ġo *home* iżda l-konvenuta daħlet għal din ir-responsabilità li tieħu ħsiebha hi. Peress li kienet toqgħod viċin, proprju ħames kantunieri 'l bogħod minn oħtha, kienet armla u t-tfal tagħha kienu kollha ħarġu mid-dar, iddeċidiet illi tittrasloka għand oħtha u dan sabiex tkun tista' 'ttiha l-kuri u l-assistenza kollha meħtieġa. Min-naħa l-oħra l-atturi jargumentaw illi l-konvenuta għamlet din il-mossa sabiex tkun tista' żżomm il-pussess hi tal-assi kollha ta' ommhom u oħthom u tieħu dak kollu li riedet ad insaputa tagħhom.

»Għaxar xhur wara li giet nieqsa Genoveffa, ġiet nieqsa Silvia fil-11 ta' Jannar tas-sena 2000 intestata . Wara li giet nieqsa Silvia, il-konvenuta baqgħet tabita gol-fond … Valletta, u għalhekk kellha pussess tal-assi ereditarji kollha u ċjoè kellha l-pussess materjali tad-dar u tal-assi li kienu jinsabu ġewwa d-dar, u skont l-atturi baqgħet tamministra hi l-assi ereditarji tagħhom. Paolino jixhed illi "Issa, meta mietet oħtna Silvia, id-dar ġiet waħedha, il-konvenuta baqgħet toqgħod mingħajr awtorità ta' ħadd, baqgħet tamministra l-affarijiet; aħna ħallejnieha għalkemm m'għandhiex prokura bħal din; tajniha prokura bil-fomm, baqgħet tagħmel kollox hi", kienet tamministra kollox hi u ħallew f'idejha biex tqassam l-affarijiet. Skont il-konvenuta baqgħet biss għal xahar u aktar tard tat verżjoni illi damet hemm għal xahrejn u nofs u eventwalment tat verżjoni oħra illi qagħdet hemm għal xi ġimagħtjen biss. Jumejn wara li mietet Silvia, l-attur Paolino Tonna kien mar fil-fond fejn kienet toqgħod oħtu u jsib lill-konvenuta flimkien mat-tfal u t-tfal tat-tfal; din ġrat darbtejn u wara l-konvenuta baqgħet toqgħod hemm.

»L-atturi ppruvaw jiltaqgħu mal-konvenuta sabiex jaraw kif se jinqasam il-wirt bejniethom meta Silvia kienet ġiet nieqsa iżda l-konvenuta dejjem ġabet xi skuża, sakemm sitt xhur wara l-mewt ta' oħthom irnexxielhom jiftiehmu sabiex jiltaqgħu. L-atturi jisħqu illi l-konvenuta ma riditx tiltaqa' qabel, sabiex ikollha ż-żmien kollu neċessarju biex tieħu dak li riedet minn ġol-fond … Valletta. Meta ltaqgħu, il-konvenuta wriethom envelopp b'żewġ ġiżirajjen imkissrin fih u infurmathom illi dak kien id-deheb kollu li kien hemm.

»Kien biss wara sitt xhur mill-mewt ta' Silvia illi l-atturi ndunaw kemm ġew neqsin oġġetti. Sabu l-gwardarobbi u l-kxaxen vojta, taħt it-taraġ fejn ommhom kienet ilha erbgħin sena twarrab u trekken l-affarijiet sabuh sbarazzat. Sabu neqsin friġġ, forn żgħir u televixin, inkwadri u ornamenti oħra tat-tiżjin, u tapit aħmar. Id-dar kienet kważi vojta. Kull meta talbu spjegazzjoni għall-affarijiet neqsin speċjalment id-deheb mingħand il-konvenuta dejjem kienet tgħidilhom illi ma tafx bihom jew saħansitra li ma kienx jeżisti dak id-deheb. Apparti minn hekk sabu l-għamara kollha vojta u l-post fejn ommhom kien ilha ħafna trekken xi affarijiet u flus kien vojt. Ħadet ukoll xi dokumenti u ritratti tal-familja. Rigward il-'*fridge* u t-*television*, il-konvenuta l-ewwel qalet illi Silvia riditha teħodhom u wara tgħid illi ħadet permess mingħand l-attur Lino Tonna.

»Rigward id-deheb, il-konvenuta biddlet ħafna verżjonijiet u kkontra-dixxiet lilha nnfisha. Dan joħroġ ċar mix-xhieda li tat fil-kawża 21/03 fl-ismijiet <u>Carmen Cacciattolo *v.* Mario Tonna</u> illi tagħha ġew esebiti traskrizzjonijiet. Fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2003 f'dik il-kawża Carmen kienet xehedet "rigward id-deheb li oħti kellha fil-kaxxa ngħid jien li qatt ma rajtha". U mbagħad fit-3 ta' April 2003 reġgħet xehedet:

> »"mhux qatt ma rajtha. Rigward id-deheb jien nixtieq nippreċiza li mhux il-kaxxa tad-deheb qatt ma rajt; però l-kaxxa tad-deheb jien qatt ma ftaħtha. Din il-kaxxa kienet tathieli ohti Silvia biex inżommha. L-kaxxa ħadtha id-dar għandi, il-kaxxa erfajtha f'post, u l-kaxxa kienet magħluqa u jien żgur li ma ftaħthiex. Iċ-ċavetta kienet għandi. Meta mietet oħti Silvia, jien ma kellix moħħ".

»Kompliet tgħid il-konvenuta:

> »"Mario kien qal li oħti Silvia kellha kaxxa tad-deheb. Jien dak il-ħin għidtlu, 'vera għandi kaxxa' u kif mort id-dar jien fettilli niftaħha u fil-kaxxa sibt brazzuletti tat-tfal, għat-tfal tiegħi u għat-tfal ta' wieħed minn ħuti. Kien hemm indikat karta għal min kienu dawn il-brazzuletti. Dawn kienu bil-kitba ta' oħti Silvia bil-firma tagħha."

»Id-dokument li nstab f'din il-kaxxa kien indirizzat lil Nadia Brincat (It-tifla tal-konvenuta. L-omm u l-bint ma kellhomx relazzjoni tajba ma' xulxin) biex tqassam il-brazzuletti hi iżda l-konvenuta qabdet u qassmithom hi mingħajr ma tat il-brazzuletti lil Nadia Brincat. Il-konvenuta tgħid illi tat il-brazzuletti spettanti lil ulied Nadia Brincat kif ukoll lilha personali waqt il-laqgħa li kellha ma' ħutha, dak inhar li ltaqgħu sitt xhur wara l-mewt ta' oħthom, iżda mix-xhieda joħroġ illi Nadia qatt ma kienet preżenti f'dik il-laqgħa u għalhekk qatt ma setgħet irċieviet l-ebda deheb. Nadia Brincat ċaħdet dan kollu kemm f'dawn ilproċeduri u anke fil-proċeduri mibdija minn Carmen. Filfatt Carmen ma kinitx tellgħet lil bintha Nadia Brincat tixhed f'dawk il-proċeduri u għalhekk Brincat tat ix-xhieda tagħha minn jeddha. Il-verżjoni ta' Nadia ġiet ikkorroborata minn żewġha Kevin Brincat.

»Il-konvenuta kompliet tbiddel il-verżjoni tagħha u fil-proċeduri l-oħra tgħid illi apparti dawk il-brazzuletti "dejjem għidt u nerġa' ngħid illi oħti kellha d-deheb ieħor, jien ma nafx fejn mar". F'xhieda oħra quddiem il-perit legali tal-kawża l-oħra, terġa' tibdel il-verżjoni u tgħid illi id-deheb Silvia qassmitu f'ħajjitha u ma tafx lil min tatu. Verżjoni oħra hija illi dwar l-oġġetti tad-deheb kienu jiftiehmu Silvia u ommha lil min jagħtuhom u lilha kienu jgħidulha lil min kienu tawhom. Lil bintha Nadia tawha l-biċċa l-kbira tad-deheb. Tgħid illi dan id-deheb ingħata meta ommha kienet għadha ħajja, u wara l-mewt t'ommha ma rat xejn iżjed minn dan id-deheb.

»Is-subien tal-konvenuta xehdu illi zithom Silvia kienet ġeneruża u kienet tixtrilhom rigali tad-deheb lill-erbgħa li huma, u kull meta kienu joħorġuha hu jew ħutu jew isiefru magħha jew iwassluha l-isptar, dejjem kienet tixtrilhom l-affarijiet u 'ttihom il-flus u anke rigali tad-deheb. Jixhdu ukoll illi Silvia kienet tagħti ħafna rigali lin-*nurses* u lit-tobba. Il-konvenuta tgħid ukoll illi Silvia nefqet ħafna flus fil-mediċini li kienet tiehu u għalhekk il-flus tal-pensjoni marru kollu għall-infiq ta' tali mediċini, iżda parti minn dawn il-mediċini kienet teħodhom b'xejn.

»Fit-12 ta' Mejju 2009 l-atturi ppreżentaw mandat ta' qbid ġewwa l-proprjetà talkonvenuta … li ġie eżegwit fit-22 ta' Mejju 2009. Instabu fil-proprjetà tagħha t-*television colour 24*, il-*'fridge freezer*, id-*dehumid-ifier* u forn żgħir abjad li qabel kienu ġewwa l-proprjetà ta' Silvia. Instabet ukoll ġakketta tar-*red fox* li l-attur Mario Tonna kien ta lil Silvia u kienet tiswa mal-ħames mitt lira Maltin. Fis-*safe* illi kellha l-konvenuta d-dar, il-marixxal sab brazzuletta, arloġġ tad-deheb, *gold earring flowershape*. Apparti dan, l-atturi ppreżentaw bħala xhud lil Stephanie Falzon, li tiġi l-*ex*-mara ta' wieħed mit-tfal ta' Lino Tonna illi toqgħod fl-istess triq fejn kienu joqgħodu d-defunti, li kkonfermat illi darba rat lis-subien ta' Carmen – Piero u Tonio – joħorġu l-*'fridge freezer* li kienet tinsab ġewwa l-fond ta' Silvia. Kienet tara lill-konvenuta kuljum ħierġa b'basktijiet mimlijin minn hemm ukoll. Ikkon-fermat illi kemm Silvia u kemm Genoveffa kienu jħobbu jilbsu d-deheb u għarfet ir-ritratti esebiti, u li, wara l-mewt ta' Silvia, il-konvenuta biss kienet toqgħod ġewwa dak il-fond.

»Paolino xehed li, wara ħafna żmien li ġiet nieqsa Silvia, il-konvenuta avviċinatu u offrietlu ċurkett bħala tifkira ta' ommhom iżda ma aċċettahx. Dan wara illi kienet qalet li ma baqax aktar deheb u li ma kinetx taf fejn hu. L-attur ċert illi dan kien qiegħed mal-kwantità ta' deheb illi kien jinsab ġewwa d-dar t'ommhom. Dan iċ-ċurkett kien t'ommhom u kienet ħallietu lil Silvia.

»Sentejn wara l-mewt ta' Silvia, Mario xtara l-fond … Valletta iżda l-konvenuta ma riditx ittih iċ-ċavetta u bdiet tmur minn wara dahru ġol-proprjetà tiegħu. Din hija konferma illi l-konvenuta kienet baqgħet tmur tieħu l-affarijiet minn ġewwa l-fond … saħansitra wkoll wara li Mario kien xtrah hu.

»Tliet snin wara l-mewt ta' Silvia, l-konvenuta fetħet kawża għall-kumpens ta' serviġi kontra ħutha l-atturi f'dawn il-proċeduri. L-atti ta' din il-kawża ġew esebiti f'dawn il-proċeduri u dan għaliex l-atturi riedu jressqu l-verżjonijiet differenti illi l-konvenuta kienet tat rigward id-deheb f'dawk il-proċeduri u li jekk hemm verżjoni waħda li hija veritjera mela l-konvenuta kellha timxi magħha u mhux tbiddilha għall-konvenjenza tagħha meta jaqblilha. Kienet proprju din il-kawża illi

tefgħet il-melħ fuq il-ferita għall-atturi għax argumentaw illi l-konvenuta mhux biss rebħet il-kawża għas-serviġi illi kienet rendiet lil oħtha iżda wkoll arrikkiet ruħha mill-assi ereditarji illi ma kinux spettanti lilha mentri li filfatt kellhom jinqasmu ugwalment bejniethom.

»Fl-aħħar stadju ta' dawn il-proċeduri, il-konvenuta, wara li ġiet ordnata tagħti rendikont tal-assi minnha amministrati ta' Genoveffa u Silvia Tonna, ippreżentat rendikont tad-dħul u ħruġ tal-finanzi għas-snin 1997 u 1998. Id-deheb in kwistjoni ma inkwadrax f'dan ir-rendikont. Skont dokument maħruġ mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, Genoveffa Tonna irċeviet is-somma ta' €5,712.31 bħala benefiċċji soċjali għas-sena 1998. Skont il-konvenuta, għas-sena 1997 Genoveffa Tonna irċeviet €5,503.16. L-infieq matul is-snin imsemmija kien ta' €9,853.30 u dan għal xiri ta' ikel, konsum ta' dawl u ilma, ċilindri tal-gas, liċenza tal-televiżjoni, prodotti tal-ħasil, biljetti tal-luttu u ħlas ta' ċens. Dawn l-ammonti ma ġew sostanzjati bl-ebda evidenza.

»Silvia rċeviet is-somma ta' €4,609.84 bħala benefiċċji soċjali għas-sena 1998. Dejjem skont ir-rendikont tal-konvenuta, Silvia Tonna irċeviet is-somma ta' €4,281.84 bħala benefiċċji soċjali għas-sena 1999. L-infieq matul is-snin 1998 u 1999 kien ta' €6,014.96 u dan għal xiri ta' ħrieqi, mediċini u viżti mediċi, linja tat-telefon u *telecare*, rigali u servizz ta' fattiga. Il-konvenuta, għal darb'oħra, baqgħet ma ppreżent-atx provi dwar dawn l-ammonti.

»Il-konvenuta tgħid illi fid-19 ta' April 1999 id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali informa lil Silvia Tonna li kienet ingħatat l-ammont ta' €1,124.35 fi ħlas żejjed u dan l-ammont kellu jitnaqqas f'rati mensili mill-benefiċċju tal-pensjoni. Meta ġiet nieqsa Silvia Tonna, l-ammont ta' €136.30 biss kien għadu tħallas u għalhekk il-konvenuta tgħid li l-bilanċ ta' €989.08 inqata' b'rati mensili mill-pensjoni tagħha. Tgħid li Anthony Tonna biss ħallasha tas-sehem tiegħu. L-attur Paolino Tonna preżenta ċekk li juri li ħallas is-sehem tiegħu.

»Il-konvenuta tkompli tisħaq illi kien hemm ammont ta' €9,529.70 li ġew mogħtija lil Lino Tonna, in kwantu għal €9,320 fi flus kontanti, €163.10 f'ċekk u €46.60 depożitu meta irritorna s-siġġu tar-roti ta' Silvia Tonna. Minn dan l-ammont tħallset l-ispiża tal-funeral ta' Silvia Tonna ammontanti għal €932.49. Bilanċ rimanenti kien ta' €8,597.21. Meta kontro-eżaminata dwar ir-rendikont li ppreżentat, il-konvenuta immedjatament bdiet tistqarr li ma tiftakar xejn, saħansitra qabel il-legali tal-atturi għamel il-mistoqsijiet tiegħu; kienet evażiva u isterika.

»Biex jirribatti l-argumenti tal-konvenuta, l-attur Paolino Tonna jixhed illi mhux talli ma ħa l-ebda flus iżda ħallas għal ħafna operazzjonijiet mediċi ta' oħthom Silvia Tonna wara li ppreżenta skrittura li turi illi Silvia Tonna tatu Lm4,000 u l-ispejjeż mediċi huma indikati li nqatgħu minn dan l-ammont.

»Minkejja l-ordni ta' din il-qorti permezz tas-sentenza *in parte* tagħha, ikkonfermata fl-appell, biex il-konvenuta tippreżenta rendikont tal-operat tagħha bħala amministratriċi tal-ġid ta' omm u oħt il-kontendenti, dan baqgħet m'għamlitux; għallinqas żgur mhux b'mod sodisfaċenti. L-atturi għamlu ħilithom kollha biex iġibu l-aħjar prova li setgħu iġibu biex jixħtu dawl fuq l-amministrazzjoni tagħha. Jirriżulta li l-konvenuta kaxkret il-parti l-kbira tal-oġġetti mobbli li kien hemm id-dar fejn kienu joqogħdu ommha u oħtha. Jirriżulta wkoll li ħadet il-kaxxa li fiha kien jinżamm id-deheb, u li din il-kaxxa kien fiha ferm iktar

deheb milli qalet li kien fiha l-konvenuta. Jirriżulta wkoll li Silvia kienet dilettanta ħafna tad-deheb u kienet ilha ġġemmgħu għomorha kollu. Ġew esibiti ritratti li juru xi ftit minn dan id-deheb. Billi d-deheb kien fil-pussess ta' Carmen, ma kienx possibbli li l-atturi jġibu prova aħjar milli ġabu tiegħu. Ġaladarba l-konvenuta kienet żleali mhux biss lejn ħutha imma wkoll lejn il-qorti, u naqset li tipproduċi provi li kienu fil-pussess tagħha, il-qorti hija ġġustifikata tillikwida *arbitrio boni viri* l-valur tal-assi ta' ommha u oħtha.

»Jirriżulta wkoll illi Carmen kienet tgħix m'ommha u m'oħtha; ommha kienet ottoġenarja; oħtha kienet bla saqajn u għalhekk it-tnejn kienu nieqsa mill-mobilità. Għalhekk kienu taħt il-kontroll u taħt għajnejn il-konvenuta.

»Għal dawn il-motivi l-qorti:

»1. tiċħad it-tielet talba għaliex ikun inutli tilqagħha;

»2. tilqa' l-ewwel u r-raba' talba fis-sens li tillikwida l-assi netti ta' Genoveffa Tonna fis-somma ta' €5,000 u ta' Silvia Tonna fis-somma ta' €35,000 u tordna lill-konvenuta trodd lura din is-somma fl-ereditajiet rispettivi tagħhom.

»Spejjeż a kariku tal-konvenuta «

15. Il-konvenuta appellat b'rikors tal-31 ta' Ottubru 2022 li l-atturi wieġbu għalih fil-15 ta' Novembru 2022.

16. Fl-ewwel aggravju appellanti tgħid illi s-sentenza appellata hija nieqsa minn motivazzjoni kif trid il-liġi. Dan l-aggravju ġie mfisser hekk:

»L-ewwel aggravju – deċiżjoni mhux adekwatament motivata hija kuntrarja għad-dettami ta' imparzjalità

»Li deċiżjoni tkun ben motivata huwa prinċipju bażiku ta' ekwità u dan *stante* li, kif mgħallem ripetutament mill-ġurisprudenza, deċiżjoni għandha tkun adekwatament u suffiċjentement ippruvata.

»… … …

»Effettivament, l-appellanti tirrileva illi l-ewwel qorti, filwaqt li tat sunt ta' parti mix-xhieda u l-provi miġbura tul dawn it-tlettax-il sena, ma tatx motivazzjoni għala waslet għad-deċiżjoni li waslet għaliha. Minħabba li t-tribunal naqas milli jagħti spjegazzjoni għala huwa kkundanna lill-appellanti tħallas issomma ta' €40,000, hija tinsab f'impossibilità milli tifhem x'wassal għal din l-assunzjoni tal-ġudikant. Dan *stante* li l-appellanti tirrileva illi qatt ma nġiebet prova konkreta tal-ammont ta' €40,000 u li dawn huma dovuti. Bil-wisq anqas jidher illi l-Prim' Awla kkunsidrat Dok. RI - R3 kif esebiti mill-appellanti permezz ta' nota fis-6 ta' Lulju 2021 (*a foll*. 878 *et seq*. tal-proċess).

»Il-qorti ssostni li r-rendikonti esebiti ma kinux sodisfaċenti. Madana-kollu, l-appellanti, li llum hija ottoġenarja, ma kinitx iżżomm rendikont ta' dak kollu li kien ikollhom ommha u oħtha *stante* li dawn kellhom moħħhom tajjeb. Filfatt Silvia kienet anke għaddiet xi flus lil Paolino

Tonna, u dan jixhed għall-fatt li d-defunta kienet tamministra hwejjiġha hi stess. Il-prokura li l-appellanti kellha kienet użatha biss biex hi tmur tiddepożita / tiġbed flus kif jgħidulha ommha u oħtha stess u għal xejn aktar Filfatt l-appellanti spjegat fl-*affidavit* tagħha illi hi kellha prokura ta' oħtha u mhux ta' ommha wkoll. Għalhekk l-appellanti ma kinitx tkun taf ommha u oħtha x'għamlu bi flushom u ħwejjiġhom u ma setgħetx toffri aktar dettalji minn dak offert permezz tar-rendikonti esebiti.

»… … …

»Dan iffisser illi d-deċiżjoni tal-ewwel qorti kienet kompletament kuntrarja għall-prinċipju legali ta' *quod non est in actis non est in mundo* u għalhekk mingħajr motivazzjoni xierqa. Għaldaqstant, l-appellanti titlob illi d-deċiżjoni appellata tiġi mhassra fl-interità tagħha.«

17. Il-konklużjonijiet tal-ewwel qorti fis-sentenza appellata kienu esenzjalment tnejn: (i) illi r-rendikont mogħti mill-konvenuta ma sarx "b'mod sodisfaċenti" u (ii) illi l-bilanċ tal-amministrazzjoni tal-beni tal-omm u ta' oħt il-partijiet kien ta' erbgħin elf ewro (€40,000) likwidat mill-ewwel qorti *arbitrio boni viri*.

18. Kontra dak li tgħid il-konvenuta appellanti, il-konklużjoni dwar ir-rendikont hija motivata b'żewġ raġunijiet: (i) il-konvenuta ma ppreżentat ebda riċevuta biex tiġġustifika l-infiq ta' disat elef, tmien mija u tlieta u ħamsin ewro u tletin ċenteżmu (€9,853.30) fil-każ tal-omm u ta' sitt elef u erbatax-il ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (€6,014.96) fil-każ ta' Silvia; u (ii) għalkemm irriżulta ampjament għall-ewwel qorti illi Silvia kellha kwantità sostanzjali ta' deheb, dan id-deheb "ma inkwadrax f'dan ir-rendikont".

19. Dawn kienu raġunijiet tajba u biżżejjed biex il-qorti ma tapprovax ir-rendikont.

20. Ladarba l-konvenuta naqset milli tippreżenta rendikont tajjeb u sħiħ kif riedet is-sentenza preliminari tal-14 ta' Marzu 2019, konfermata minn din il-qorti b'sentenza tat-28 ta' April 2021, l-ewwel qorti setgħet, kif igħid l-art.

394 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, "tippermetti lill-parti li tkun talbet il-kont li tispeċifika, imqar b'ġurament, is-somma li għandha tingħata". Il-qorti iżda għażlet illi, flok tippermetti din id-diskrezzjoni wiesgħa lill-atturi, tagħmel dan l-eżerċizzju hi billi tillikwida l-bilanċ tal-amministrazzjoni *arbitrio boni viri*.

21. Għalkemm l-ewwel qorti idealment kellha tfisser aħjar il-fatturi li qieset biex tasal għal-likwidazzjoni, jidher illi l-ammont minnha likwidat ma huwiex nieqes minn bażi oġġettiva u ma huwiex daqshekk irraġonevoli li jwassal lil din il-qorti biex tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel qorti.

22. L-ammont likwidat bħala bilanċ tal-amministrazzjoni tal-beni tal-omm – ħamest elef ewro (€5,000) – huwa anqas mill-ispejjeż li l-konvenuta tgħid li għamlet bla ma ppreżentat ebda riċevuta għalihom.

23. Dwar il-beni ta' Silvia, l-ammont likwidat huwa ħamsa u tletin elf ewro (€35,000). Għalkemm l-ispejjeż li ma ġewx ġustifikati b'riċevuti fil-każ ta' Silvia kienu anqas, l-ewwel qorti iżda osservat illi d-deheb li din kellha – u li l-ewwel qorti emmnet illi approprjat ruħha minnu l-konvenuta – kien sostanzjali u kien "jiswa l-flus", u jidher li din kienet ir-raġuni għala l-qorti illikwidat somma akbar fil-każ ta' Silvia. Lill-ewwel qorti irriżultalha wkoll illi l-konvenuta approprjat ruħha mhux biss mid-deheb iżda minn kull ma kien hemm ta' valur fil-beni amministrati minnha.

24. Partikolarment billi kien nuqqas tal-konvenuta li tagħti aktar tagħrif biex l-ewwel qorti setgħet tillikwida somom aktar preċiżi, din il-qorti tibqa' tal-fehma illi ma għandhiex tiddisturba l-apprezzament li għamlet l-ewwel

qorti. Ma jidher li kien hemm xejn li qieset l-ewwel qorti li ma kienx *in actis.*

25. L-aggravju huwa għalhekk miċħud.

26. It-tieni aggravju jgħid hekk:

> »It-tieni aggravju – applikazzjoni skorretta tal-liġi għall-fatti u ċ-ċirkostanzi tal-każ
>
> »Huwa prinċipju stabbilit illi l-ekwità ssegwi l-liġi (*æquitas seqitur legem*) … … …
>
> »… … …
>
> »Tali prinċipju għandu jigi mhares proprju sabiex ma jigux pregudikati l- jeddijiet ta' xi wahda mill-partijiet;
>
> »L-appellanti tissottometti bir-rispett illi fil-każ in eżami, l-qorti naqset milli timxi mal-liġi korrettement skond iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, senjatament il-fatt illi l-bażi legali li fuqu hija msejsa l-azzjoni attriċi huwa l-fatt illi l-appellanti kienet prokuratriċi tal-istess atturi. Dan ifisser illi l-provvediment applikabbli mill-qorti kellhom ikunu dawk stabbiliti f'artikolu 1856 *et seq.* tal-Kodiċi Ċivili.
>
> »Madanakollu, minn qari tal-fatti analizzati mill-ewwel qorti, jidher illi dak li qiegħda tikkunsidra l-qorti huwa l-prokura li l-appellanti kellha ma' oħtha, li l-appellanti qatt ma nnegat [*sic*]. L-appellanti tirrileva li tali nuqqas jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju tal-ekwità.
>
> »Filfatt, *ai termini* ta' artikolu 1856(2) tal-Kodiċi Ċivili, il-kuntratt ta' mandat, jew il-prokura "mhux perfett sakemm il-mandatarju ma jaċċettax il-mandat". L-appellanti insistiet li hi qatt ma kellha mandat mingħand l-atturi hutha sa mill-bidu ta' dawn il-proċeduri u filfatt ebda prova ma nġiebet li l-appellanti kellha xi forma ta' mandat mingħand l-appellati.
>
> »*Inoltre*, l-appellanti tagħmel referenza għad-deċiżjoni tal-Appell fl-ismijiet <u>Carmen Cacciattolo *vs* Mario Tonna</u>, deċiża mil-Qorti tal-Appell fis-17 t' April 2009 (app. ċivili inf. 21/2003), fejn il-qorti kienet sabet favur l-appellanti u ddeċidiet li l-appellanti kienet ipprestat diversi serviġi versu ommha u oħtha u għalhekk kellha tiġi debitament imħallsa tagħhom. F'dik il-kawża, l-appellati kienu anke qajmu kontro-talba fejn allegaw li huma wkoll kienu pprestaw xi serviġi u kellhom jiġu kumpensati għalihom. Hemmhekk, il-qorti kienet rat kif il-pretensjoni mressqa mil-appellati, hemmhekk konvenuti:-
>
>> »"kienet qed titressaq 'il quddiem sempliċiment f'tentattiv biex b'xi mod l-effetti tal-kumpens likwidat mill-perit ġudizzjarju fil-perizja, ġà in atti, jiġu newtralizzati, jew xort'oħra ristretti."
>
> »L-appellanti tirrileva illi din il-kawża u l-azzjoni attriċi appellata, fejn qed jiġi allegat li hi mandatarja tagħhom, hija tentattiv ieħor mill-appellati sabiex jinnewtralizzaw il-kumpens li kien ġie mogħti lilha u dan b'pika talli f'ħajjithom ommha u oħtha taw diversi rigali u donazz-

jonijiet lil ulied l-appellanti talli dawn kienu jkunu dejjem magħhom iduru bihom. Filfatt huwa ferm notevoli li mar-rikors ġuramentat tal-appellati lanqas ġie prodott dokument wieħed u wisq anqas xi prokura li l-appellanti kienet tamministra ħwejjeġ oħtha u ommha bi prokura mingħand l-atturi. L-unika darba li tissemma li seta' kien hemm prokura fil-provi bejn il-partijiet kienet waqt ix-xhieda tal-appellat Paolino Tonna meta dan qal li l-prokura li ngħatat lill-appellanti kienet bil-fomm, fatt illi l-appellanti dejjem baqgħet tikkontesta, anke *stante* li f'dak ii-punt il-partijiet kienu eredi tad-defunta Silvia Tonna u kwalunkwe prokura kienet intemmet ma' mewtha *ai termini* ta' artikolu 1886(1)(*b*) tal-Kodċi Ċivili.

»L-appellanti tirrileva illi fl-ebda ħin tas-sentenza ma sar apprezzament ta' din l-allegata relazzjoni ġuridika u bil-wisq anqas applikazzjoni tal-artikoli dispositivi tal-liġi kif relevanti għall-azzjoni attriċi. Għalhekk, anke a bazi ta' dan l-aggravju, is-sentenza appellata għandha tiġi mhassra fl-interità tagħha.«

27. L-appellanti essenzjalment qiegħda tgħid illi hija kellha prokura mingħand oħtha iżda mhux ukoll mingħand ħutha l-atturi. Il-fatt iżda jibqa' illi kienet mandatarja tal-awturi tal-atturi u, billi l-atturi jkomplu l-personalità tal-mejta, l-obbligazzjonjiet tal-konvenuta bħala mandatarja jiswew favur l-atturi wkoll. Tassew illi mal-mewt ta' omm u oħt il-partijiet il-mandat intemm, iżda dan ifisser biss illi l-konvenuta baqgħet iżżomm il-beni tal-wirt abbużivament, u dan ovvjament ma jtemmx l-obbligazzjoni li tagħti rendikont għaż-żmien li kien fis-seħħ il-mandat, jew li trodd il-ħwejjeġ tal-wirt.

28. L-argument tal-appellanti dwar nuqqas ta' mandat mill-atturi huwa għalhekk għalkollox irrelevanti.

29. Daqstant ieħor irrelevanti hija l-kawża li l-konvenuta fetħet għal kumpens għas-serviġi lil omm u lil oħt il-partijiet. F'dik il-kawża ġie likwidat il-kumpens mistħoqq għas-serviġi li irrendiet: dak il-kumpens jixirqilha, iżda ma jeżentahiex milli tagħti kont tal-amministrazzjoni jew li trodd il-ħwejjeġ tal-amministrazzjoni.

30. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

31. L-aħħar aggravju jgħid hekk:

> »It-tielet aggravju - modalità ta' kif gew likwidati l-assi netti tad-defunti
>
> »… … … it-tielet aggravju tal-appellanti … jirrigwarda l-mod kif l-ewwel qorti llikwidat l-assi netti tad-defunti.
>
> »Effettivament, il-qorti qabdet u llikwidat dan l-ammont *arbitrio boni viri* mingħajr ebda spjegazzjoni u/jew kunsiderazzjonijiet f'dan is-sens, kif anke spjegat fl-ewwel aggravju.
>
> »L-appellanti tirrileva illi anke jekk jiġi konċess, għall-grazzja tal-argument, li kien hemm xi forma ta' prokura bejn il-kontendenti, il-qorti xorta kienet marbuta li timxi ma' ammonti ppruvati u bbażati fuq fatti, u fl-ebda hin tal-proċeduri odjerni ma nġiebet prova konkreta li l-assi netti tad-defunti Giovanna Tonna u Silvia Tonna kienu jammontaw għas-somma ta' €40,000.«

32. Effettivament dan l-aggravju ġà qisnieh fil-konsiderazzjonijiet dwar l-ewwel aggravju, fil-paragrafi 21 sa 24 ta' din is-sentenza, u, għar-raġunijiet hemm miġjuba, dan l-aggravju wkoll huwa miċħud.

33. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

34. L-ispejjeż tas-sentenzi preliminari u dawk tal-ewwel grad jibqgħu kif regolati fis-sentenzi preċedenti; dawk ta' dan l-appell tħallashom il-konvenuta appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr